

Il-parteċi pazzjoni tal-ħaddiema fil-prevenzjoni tar-riskji muskoloskeletalali fuq il-post tax-xogħol

Sommarju Eżekuttiv

Awturi: Mette Jensen Stochkendahl, Peter Hasle, Anne Faber Hansen, Bibi Dige Heiberg, Wanja Öhler, Astrid Overgaard Herrig (University of Southern Denmark, id-Danimarka), Sandrine Caroly, Sandra Poncet (University Grenoble Alpe, Franza), Marina Jarvis, Karin Reinhold (Tallinn University of Technology, l-Estonja).

Rieżaminat minn Laura Punnet (University of Massachusetts Lowell, l-Istati Uniti) u Karen Søgaard (University of Southern Denmark, id-Danimarka).

Dan ir-rapport ġie kkummissjonat mill-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA). Il-kontenut tiegħu, inkluża kwalunkwe opinjoni u/jew konklużjoni espressa, huma dawk tal-awturi biss u mhux neċessarjament jirriflettu l-fehmiet tal-EU-OSHA.

Ġestjoni tal-proġett - Sarah Copsey (EU-OSHA)

**Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet għall-
mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea**

**Numru tat-telefon bla ħlas
(*):**

00 800 6 7 8 9 10 11

(*) Ċerti operaturi tat-telefonija ċellulari ma jippermettux aċċess għan-numri 00 800, jew inkella dawn it-telefonati jistgħu jkunu bi ħlas.

Iktar informazzjoni rigward l-Unjoni Ewropea tista' tinstab fuq l-internet [\(<http://europa.eu>\)](http://europa.eu).

Id-*data* tal-ikkatalogar tista' tinstab fuq il-qoxra ta' din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2021

© Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, 2021

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata dment li s-sors ikun rikonoxxut.

Traduzzjoni pprovduta miċ-Ċentru ta' Traduzzjoni (CdT, Lussemburgu), bbażata fuq test oriġinali bl-Ingliż.

Sommarju eżekuttiv

Introduzzjoni

L-impatt negattiv tal-mard muskuloskeletalni (MSDs) relatat max-xogħol fuq is-saħħa tal-ħaddiema u fuq il-produttività u l-ispejjeż tan-negozju huwa sinifikanti. Hu essenzjali li jiġu indirizzati l-MSDs. Jeħtieġ li l-ħaddiema jipparteċipaw f'mod effettiv biex jiġi indirizzat dan il-piż kbir. Huma essenzjali fl-identifikazzjoni tal-fatturi ta' riskju tal-MSD u s-soluzzjonijiet ta' prevenzjoni li se jaħdmu fil-prattika. Il-manigġers m'għandhomx is-soluzzjonijiet għall-problemi kollha relatati mas-saħħa u s-sigurtà. Il-ħaddiema li jagħmlu l-kompiti u r-rappreżentanti tagħhom għandhom l-għarfien dettaljat u l-esperjenza dwar kif isir ix-xogħol u kif dan jaffettwa lilhom.

Dan ir-rapport joffri informazzjoni intuittiva dwar kif il-ħaddiema nfushom jistgħu jikkontribwixxu biex jiġu identifikati l-perikli u jiġu żviluppati soluzzjonijiet sinifikanti. Ir-rapport jippreżenta 22 mill-metodi parteċipatorji l-aktar xierqa li jipprevjenu l-MSDs abbażi tal-evidenza. Il-metodi parteċipatorji huma attivitajiet li jippermettu lill-ħaddiema jkollhom parti attiva u influwenti fid-deċiżjonijiet li jaffettwawlihom l-impjegji tagħhom. Jinkludi 48 eżempju qasir u 9 studji tal-każ aktar fid-dettall minn postijiet tax-xogħol dwar l-użu tal-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fil-prevenzjoni tal-MSDs. Jipprovdi analiżi u diskussjoni tal-fatturi ta' suċċess u l-prinċipji gwida għall-parteċipazzjoni tal-ħaddiema, u jinkludi indikaturi ta' politika u suġġerimenti ta' Prattika tajba għall-intrapriżi mikro u żgħar (MSEs).

L-eżempji jkopru s-setturi tax-xogħol l-aktar importanti fl-UE, bi fteit żidiet minn pajjiżi barranin. Ikopru wkoll varjetà ta' daqsijiet tal-kumpaniji u gruppi ta' ħaddiema differenti, bħalma huma rġiel u nisa u ħaddiema tas-sengħa u bla sengħa.

Fir-rapport, parteċipazzjoni tirreferi għall-parteċipazzjoni ta' dawk li jwettqu attivitajiet tax-xogħol, bl-użu ta' approċċ għas-soluzzjoni ta' problemi biex jitnaqqsu l-fatturi ta' riskju. Il-parteċipazzjoni tkopri, fil-prinċipju, il-livelli kollha ta' ġerarkija li jista' jkollhom esperjenza mill-qrib dwar il-problema speċifika. Tista' tinkludi kemm il-parteċipazzjoni diretta tal-ħaddiema kif ukoll tar-rappreżentanti tal-ħaddiema. ⁽¹⁾ ⁽²⁾

Metodoloġija u klassifika tal-approċċi ta' parteċipazzjoni tal-ħaddiema fil-prevenzjoni tal-MSD

L-informazzjoni li ġejja hija bbażata fuq letteratura xjentifika internazzjonali li nstabiet dwar il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fil-prevenzjoni tal-MSD, ikkumplementata minn materjal addizzjonali fuq l-internet, networks tar-riċerkaturi u l-punti fokali tal-EU-OSHA.

L-interventi għall-prevenzjoni tal-MSD fuq il-post tax-xogħol għandhom jipprogressaw matul serje ta' passi jew fażijiet. Idealment, il-ħaddiema għandhom jipparteċipaw f'kull fażi:

- Valutazzjoni tar-riskji biex jiġu identifikati kwistjonijiet li jeħtieġ jiġu indirizzati.
- Ġenerazzjoni ta' soluzzjonijiet biex jiġu identifikati u żviluppati soluzzjonijiet possibbli.
- Implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet li jkopru l-applikazzjoni Prattika tas-soluzzjoni.
- Twettiq ta' evalwazzjonijiet li jinfurmaw dwar jekk is-soluzzjonijiet humiex jaħdmu.
- Integrazzjoni fl-operazzjonijiet għall-iżgurar tas-sostenibbiltà tas-soluzzjonijiet.

Ir-rapport jikkategorizza l-metodi u l-eżempji abbażi tal-fażijiet li fihom jintużaw, u jekk il-parteċipazzjoni tal-ħaddiem tintużax fil-fażijiet kollha (approċċi olistiċi u tas-sistema sħiħa), f'uħud (metodi multi-fażi), jew f'waħda biss (miżuri b'fażi unika).

⁽¹⁾ Kuorinka, I. (1997). Tools and means of implementing participatory ergonomics. *International Journal of Industrial Ergonomics*, 19(4), 267–270. [https://doi.org/10.1016/S0169-8141\(96\)00035-2](https://doi.org/10.1016/S0169-8141(96)00035-2)

⁽²⁾ van Eerd, D., Cole, D., Irvin, E., Mahood, Q., Keown, K., Theberge, N., Cullen, K. (2010). Process and implementation of participatory ergonomic interventions: A systematic review. *Ergonomics*, 53(10), 1153–1166. <https://doi.org/10.1080/00140139.2010.513452>

L-għażla tal-metodu parteċipatorju

Tabella 1 tippreżenta ħarsa ġenerali lejn il-metodi inklużi fir-rapport.

L-approċċi tas-sistema sħiħa huma l-aktar komprensivi, iżda normalment jirrikjedu aktar riżorsi u assistenza professjonali biex jiġu applikati. F'ċerti każijiet, jista' jkun aktar faċli li jiġu adattati l-metodi għall-kuntest speċifiku billi jiġu kkombinati serje ta' għodod b'fażi unika jew multi-fażi. Dan jagħmel il-proċess aktar sempliċi, iżda jirrikjedi aktar ippjanar. Pereżempju, laqgħat ta' djalogu jew gruppi ta' diskussjoni jistgħu jkunu l-metodu bażiku għall-parti l-kbira tal-parteċipazzjoni tal-ħaddiema matul il-proċess kollu biex tissolva problema tal-MSD relattivament sempliċi, bħalma hija l-introduzzjoni ta' tagħmir tal-irfiġ bażiku (parank jew lift). Il-valutazzjoni tar-riskji u l-ġenerazzjoni ta' soluzzjonijiet jistgħu jseħħu f'laqgħat ta' djalogu mal-ħaddiema, fejn tiġi delegata r-responsabbiltà għall-implimentazzjoni tas-soluzzjoni magħżula. Tista' mbagħad tintuża laqgħa ta' djalogu ġdida biex jiġi evalwat u (aktar tard) diskuss kif se tintegra mal-operazzjonijiet.

Il-laqgħat ta' djalogu wkoll huma eżempju ta' metodu li jista' faċilment jiġi applikat għall-MSEs, filwaqt li ħafna metodi oħrajn jeħtieġu adattament konsiderevoli u/jew assistenza professjonali esterna għall-użu fl-MSEs. Xi metodi ġew użati fi kwistjonijiet aktar wiesa' ta' saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol (OSH) u ma jimmirawx b'mod partikolari lill-MSDs, iżda jistgħu faċilment ikunu ffukati fuq il-prevenzjoni tal-MSD. Metodi oħrajn huma meħuda minn oqsma bħalma huma l-manifatturar mingħajr ħela (kaizen u 5S) jew is-sistemi tal-ġestjoni tal-OSH (awditi). Bl-involvement tal-ħaddiema fl-applikazzjoni tagħhom, dawn jistgħu jintużaw għall-prevenzjoni tal-MSD. Dawn il-metodi għandhom il-vantaġġ li diġà huma applikati fl-operazzjonijiet, b'hekk huma potenzjalment aktar faċli biex tintegrahom.

Tabella 1: Ħarsa ġenerali lejn il-metodi

Approċċi olistiċi u tas-sistema sħiħa	Metodi multi-fażi	Metodi ta' fażi unika
- Il-Programm ta' Parteċipazzjoni tal-Postijiet tax-Xogħol li Jġibu 'l Quddiem is-Saħħa - ErgoPar - SOBANE - Analiżi Parteċipattiva tax-Xogħol Makro-ergonomiku	- Gruppi fokali mal-ħaddiema - Djalogu demokratiku - Photo safari/photo voice u spazju għad-dibattitu dwar ix-xogħol - Workshop futur - Laqgħat ta' djalogu u diskussjonijiet fi gruppi - Taħditiet dwar sett tal-għodod - Taħriġ fil-valutazzjoni tar-riskju u l-ġenerazzjoni tas-soluzzjonijiet - Prinċipju tax-xogħol ta' Goldilocks	- Analiżi tal-kawża ewlenija - Immappjar tal-ġisem, immappjar tal-periklu - Listi ta' kontroll ta' osservazzjoni u Rapid Upper Limb Assessment (Valutazzjoni Rapida fil-parti ta' Fuq tad-Dirgħajn)(RULA) - VIDJO - Simulazzjoni 5S u kaizen - L-involvement tal-ħaddiema fit-tfassil mill-ġdid tal-istazzjon tax-xogħol - Ambaxxaturi u promoturi - L-involvement tal-ħaddiema fl-ittestjar tas-soluzzjonijiet - Awditi parteċipattivi interni

Każijiet ta' studju dwar il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema

Ġew analizzati disa' każijiet, li jkopru similaritajiet u differenzi u li jiffukaw fuq dak li jaħdem f'ċirkostanzi differenti. Dan sar sabiex ikunu identifikati l-kundizzjonijiet u l-azzjonijiet li huma importanti għall-parteċipazzjoni tal-ħaddiema b'suċċess fil-prevenzjoni tal-MSD. Id-disa' każijiet huma dawn li ġejjin:

- **Ir-riorganizzazzjoni ta' workshop tax-xogħol ta' mastrudaxxa** f'awtorità reġjonali rriżultat fi tnaqqis tar-riskji tal-MSD, operazzjonijiet aktar effiċjenti u ħaddiema aktar involuti. L-intervent uża metodu ta' parteċipazzjoni olistika u workshop u simulazzjoni futuri.
- **Intervent f'kindergarten** irriżulta fi tnaqqis tar-riskji tal-MSD u attivitajiet fiżiċi aktar bilanċjati. L-elementi ewlenin tal-approċċ kienu li l-ħaddiema jagħtu prijorità lill-kompiti l-aktar importanti għat-tħaris tat-tfal u jiffukaw fuq l-integrazzjoni ta' soluzzjonijiet ma' dawn il-kompiti.
- **Ix-xogħol fil-kċina** ġie analizzat bl-użu ta' serje ta' workshops parteċipatorji. Il-ħaddiema għamlu użu minn żjarat fi kċejjen oħrajn biex isibu ispirazzjoni għall-identifikazzjoni tar-riskji tal-MSD u titjib possibbli.
- **Kumpanija agroalimentari** organizzat proċess parteċipatorju sistematiku fuq erba' snin li jipprevjeni l-MSDs. L-appoġġ mill-professjonisti tal-OSH u l-impenn tal-maniġment fil-livelli kollha fformaw il-bażi kemm għal titjib tanġibbli kif ukoll għall-istituzzjonalizzazzjoni ta' politika preventiva parteċipatorja.
- **Fabbrika tal-PVC** involviet il-ħaddiema fl-iżvilupp u l-ittestjar ta' trolis li jnaqqsu r-riskju tal-MSD minn tqandil manwali tqil. Kienu involuti timijiet ta' xogħol kollaborattiv, u ġew ikkunsidrati, ippruvati u aġġustati opzjonijiet differenti għal adattamenti fit-tagħmir bi proċess gradwali. Il-maniġment uża din l-esperjenza b'suċċess biex ikompli b'aktar attivitajiet ta' parteċipazzjoni tal-ħaddiema.
- **Il-persunal tal-lukandi tat-tindif, tal-bjankerija u tal-catering** ipparteċipaw fi proġett għat-tnaqqis tar-riskju tal-MSD. Bl-appoġġ ta' organizzazzjoni reġjonali tal-OSH, il-lukanda ħarrġet lill-voluntiera bħala koordinaturi tal-prevenzjoni li mbagħad użaw l-osservazzjoni u d-diskussjoni mal-koħaddiema biex isibu soluzzjonijiet prattiċi għall-attivitajiet problematiċi.
- **L-irmondar tad-dwieli** rappreżenta riskju għall-MSDs fil-vinji. Il-maniġment u l-ħaddiema ħadmu sistematikament biex jiżviluppaw metodi ta' xogħol inqas perikolużi. Irċewew appoġġ minn professjonist tal-OSH dwar kif jużaw il-vidjo biex jiddokumentaw u janalizzaw il-metodi tax-xogħol qabel u wara l-bidliet. Il-verifika tal-ħaddiema tal-valutazzjonijiet tal-vidjo kienet karatteristika ewlenija.
- **ħaddiema tal-manutenzjoni:** manifattur uża l-vidjo bħala punt tat-tluq għall-ħaddiema biex janalizzaw u jtejbu xogħolhom. It-titjib kien aktar tard ittestjat mal-ħaddiema tal-operazzjonijiet biex jikkontrollaw ir-riskji tal-MSD tal-kompiti tax-xogħol tagħhom ukoll.
- **Manifattur tal-bojlers** uża l-gruppi fokus għall-ħaddiema u analiżi skont l-arblu tal-ħsarat biex jidentifika l-kawżi tal-MSDs. Il-ħaddiema mbagħad kienu involuti fl-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni tat-titjib.

Kundizzjonijiet, azzjonijiet u prinċipji importanti għas-suċċess

Ir-rapport identifika diversi kundizzjonijiet, mekkaniżmi u azzjonijiet li huma essenzjali biex jiffaċilitaw il-partiċipazzjoni tal-ħaddiema b'suċċess fil-prevenzjoni tal-MSD. Dawn huma simili għal daww identifikati għal riskji oħrajn tal-OSH. Dawn jinkludu li ġejjin:

Allinjament bejn l-operazzjonijiet tax-xogħol fundamentali u l-bidliet għall-prevenzjoni tar-riskji

Aktar ma t-titjib jitqarreb lejn l-operazzjonijiet ta' kuljum, akbar hija l-possibbiltà ta' suċċess, speċjalment għas-sostenibbiltà tal-bidliet. L-integrazzjoni tista' tissaħħaħ bl-użu tal-ħtiġijiet tal-ħaddiema bħala l-punt tat-tluq. Tista' wkoll tkun rinforzata billi l-ħaddiema jkunu involuti kemm fil-valutazzjoni tar-riskju kif ukoll fl-ittestjar u l-evalwazzjoni sabiex ikun żgurat li l-bidliet li jsiru jkunu adattati għall-operazzjonijiet ta' kuljum u adottati fil-prattika.

Impenn maniġerjali għall-prevenzjoni tal-MSD u partiċipazzjoni attiva tal-ħaddiema

L-impenn attiv tal-manigmers fil-livelli kollha tal-prevenzjoni tal-MSD u l-partiċipazzjoni tal-ħaddiema huma essenzjali. L-attivitajiet tal-maniġment iridu juru fiduċja billi tiġi ddelegata r-responsabbiltà lill-ħaddiema u l-partiċipazzjoni fi djalogo magħhom. Rigward l-impenn għall-partiċipazzjoni, dan għandu jkun rifless f'kultura ġenerali tal-post tax-xogħol ta' komunikazzjoni miftuħa fejn il-ħaddiema jkunu

mismugħa u għat-ħassib tagħhom tittieħed azzjoni, fejn ikun hemm proċessi biex isir dan u fejn il-manigġers jinvolve ruħhom b'mod attiv mal-forza tax-xogħol tagħhom. Jekk il-manigġers ma jiffaċilitawx il-parteċipazzjoni b'mod attiv, pereżempju, f'organizzazzjonijiet b'kultura minn fuq għal isfel, ta' kmand-kontroll fejn il-manigġment jiddeċiedi kollox waħdu, il-fiduċja tal-ħaddiema fl-intenzjonijiet tal-manigġment rigward il-parteċipazzjoni tagħhom f'attività għall-prevenzjoni tal-MSD se tkun baxxa, u l-involvement wisq probabbli jkun limitat. Għall-kuntrarju, organizzazzjonijiet li diġà għandhom approċċ ġenerali li jinvolve l-ħaddiema fil-proċessi tal-bidliet u fit-teħid tad-deċiżjonijiet se jaraw l-akbar benefiċċji ta' parteċipazzjoni tal-ħaddiema f'intervent tal-MSD.

Parteċipazzjoni tal-ħaddiema fil-fażijiet kollha tal-intervent

Sabiex il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fil-prevenzjoni tal-MSD tkun effettiva, ma tistax tkun limitata għal attività waħda, bħalma hu t-tiftix tal-periklu bħala parti mill-valutazzjoni tar-riskju jew il-ġenerazzjoni ta' soluzzjonijiet. It-titjib propost għal riskju identifikat jgħin biss jekk jiġi implimentat fil-prattika, ittestjat, irfinat u integrat fl-operazzjonijiet ta' kuljum. Għalhekk, l-isforzi parteċipatorji jridu jqisu ċ-ċiklu kollu tal-ġestjoni tar-riskju fejn il-fażijiet kollha jridu jitwettqu biex ikun żgurat riżultat b'suċċess, inklużi l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tas-soluzzjonijiet ta' implimentazzjoni.

Distribuzzjoni ċara tar-rwoli u r-responsabbiltajiet

Ħafna drabi, il-manigġers ikunu okkupati bit-tmexxija tal-operazzjonijiet fundamentali, u l-ħaddiema ma jemmnu li dawn għandhom l-awtorità meħtieġa biex jieħdu azzjoni. Id-distribuzzjoni ċara tar-responsabbiltà hija għalhekk kruċjali għall-eżitu ta' kwalunkwe inizjattiva għall-parteċipazzjoni tal-ħaddiema, u r-rwoli tal-partijiet kollha għandhom ikunu ċari. F'ħafna każijiet, bl-appoġġ u t-taħriġ xieraq, il-ħaddiema jkollhom il-kapaċità u l-kompetenza li jieħdu inkarigu ta' parti kbira mill-isforzi preventivi, kultant indirettament permezz tal-koordinaturi jew champions. Madankollu, għandu jkun ċar kemm għandhom awtorità għat-teħid tad-deċiżjonijiet u fejn tkun meħtieġa l-approvazzjoni tal-manigġment. Barra minn hekk, il-manigġers m'għandhomx jużaw dik id-distribuzzjoni tar-responsabbiltà bħala skuża biex jittraskuraw ir-responsabbiltà tagħhom stess li jiżguraw li d-deċiżjonijiet jittieħdu u li r-riskji jiġu evitati b'suċċess fil-prattika.

Allokazzjoni ta' riżorsi baġitarji u ta' ħin suffiċjenti

Ir-riżorsi jinkludu ħin u baġit suffiċjenti biex jitwettaq il-proċess u jiġu implimentati l-miżuri ta' prevenzjoni tal-MSD. Dan jinkludi l-iżgurar li jkun hemm ħin tax-xogħol suffiċjenti għall-ħaddiema biex jipparteċipaw fl-attivitàjiet kollha u jaġixxu bħala koordinaturi jew champions jekk dawn jintużaw, kif ukoll ħin u riżorsi biex jingħata kwalunkwe taħriġ jew biex jiġu kuntrattati esperti minn barra.

Il-ħaddiema parteċipanti jeħtieġu ħin suffiċjenti matul il-ħin tax-xogħol. Dawk b'responsabbiltajiet ulterjuri, inklużi r-rappreżentanti u l-koordinaturi tal-ħaddiema, jeħtieġu aktar ħin. Madankollu, il-ħaddiema kollha għandu jkollhom il-possibbiltà li jingħaqdu f'laqgħat, jittestjaw is-soluzzjonijiet u attivitàjiet rilevanti oħrajn, inkluż il-ħin għall-kompiti, bħalma hu l-mili ta' kwestjonarji.

Bosta bidliet jeħtieġu investiment fl-adattament tal-kundizzjonijiet eżistenti jew l-akkwist ta' tagħmir ġdid. Ikun meħtieġ impenn biex ikun hemm il-baġit neċessarju disponibbli għal dan sa mill-bidu tal-intervent.

Kompetenzi u appoġġ estern

Il-kompetenzi meħtieġa jridu jkunu disponibbli kemm biex imexxu l-proċess parteċipatorju kif ukoll biex ikunu jistgħu jivvalutaw u jaġhżlu s-soluzzjonijiet rilevanti preventivi tal-MSD. It-taħriġ għall-ħaddiema kollha fil-valutazzjoni tar-riskju u l-miżuri għall-prevenzjoni tal-MSD spiss huwa rilevanti. Ir-rappreżentanti tal-ħaddiema u atturi ewlenin oħrajn, bħalma huma ċ-champions jew il-koordinaturi, jista' jkollhom bżonn taħriġ aktar estensiv.

B'mod speċjali għal problemi aktar kumplessi, l-assistenza ta' ergonomista jew professjonist ieħor tal-OSH uriet li hija importanti fl-appoġġjar tal-bidu ta' intervent permezz tal-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet li jaħdmu fil-prattika. Dawn jgħinu biex jiġi ppjanat u mibdi l-proċess, jiffaċilitaw attivitàjiet ta' dialoġu, jaċċessaw il-vijabbiltà tas-soluzzjonijiet, u jistgħu wkoll jieħdu ħsieb it-taħriġ. Kumpaniji kbar spiss ikollhom l-appoġġ tal-OSH tagħhom stess. L-aċċess għal appoġġ estern, pereżempju permezz ta' organizzazzjonijiet reġjonali tal-assigurazzjoni għall-aċċidenti, huwa disponibbli f'ċerti pajjiżi. Fejn jintuża l-appoġġ estern, l-attivitàjiet għandhom ikunu mfassla u inkorporati fil-post tax-xogħol. Uħud mill-

programmi esterni li jidhru fl-eżempji tar-rapport wettqu intervent parteċipatorju tal-MSD b'diversi MSEs fl-istess ħin.

L-identifikazzjoni u l-inklużjoni tal-partijiet ikkonċernati kollha

Li l-proċess parteċipatorju jibda b'mod xieraq iwitti t-triq għal kisbiet kbar. Punt essenzjali hawn hu li jkun involuti fil-proċess il-ħaddiema kkonċernati u partijiet ikkonċernati interni oħrajn. L-involvement tard jista' jwassal għal reżistenza għax il-ħaddiema kkonċernati jistgħu jħossu li l-fehmiet tagħhom ma għewx meqjusa. Dan l-approċċ se jgħin ukoll biex jimpenja lill-ħaddiema jinvolvu ruħhom fil-proċess kollu, b'hekk ikun żgurat li s-soluzzjonijiet ikunu integrati fl-operazzjonijiet fundamentali u użati fil-prattika. Barra minn hekk, huwa importanti li wieħed jiftakar jinvolvi partijiet kkonċernati involuti oħra, pereżempju l-ħaddiema tal-manutenzjoni, jew fil-fażi ta' ttestjar tas-soluzzjoni partijiet oħrajn tal-produzzjoni li jistgħu jkun affettwati mill-bidla, iżda wkoll persuni riżorsi bħalma huma l-inġiniera tal-produzzjoni u l-unitajiet tad-disinn. Il-ħaddiema direttament ikkonċernati u r-rappreżentanti tas-sigurtà tal-ħaddiema (it-trade union) (fejn preżenti) għandhom ikunu involuti t-tnejn b'mod kumplimentarju, pereżempju bl-involvement tar-rappreżentanti tas-sigurtà fl-ippjanar ġenerali u l-proċess ta' tmexxija. Dawn huma l-mogħdijiet differenti li għandhom jiġu kkombinati bl-aktar mod effettiv.

Lok għall-innovazzjoni

Il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fil-prevenzjoni tal-MSD inevitabbilment tibni fuq l-innovazzjoni. Il-metodi tax-xogħol, l-organizzazzjoni u t-teknoloġija jeħtieġu li jiġu adattati, jew metodi jew teknoloġija kompletament ġodda jistgħu jkollhom jiġu introdotti. Element importanti fil-parteċipazzjoni tal-ħaddiema huwa li jkun hemm lok għall-innovazzjoni. Il-każijiet juru li t-tagħlim minn postijiet tax-xogħol oħrajn serva bħala ispirazzjoni importanti biex jingħata bidu għall-iżvilupp ta' ideat ġodda. B'mod simili, ċerti metodi bħall-workshops futuri u s-Safari tar-Ritratti huma utli għax jiffokaw partikolarment fuq il-ftuħ tal-moħħ għal ħsibijiet ġodda.

Komunikazzjoni

Il-komunikazzjoni attiva u effiċjenti hija essenzjali matul il-fażijiet kollha tal-proċess, li tinkludi djalogi bejn il-partijiet ikkonċernati involuti kollha u komunikazzjonijiet permezz ta' avvizzieri u mezzi elettroniċi.

Implimentazzjoni u segwitu fil-prattika

Il-ġenerazzjoni ta' soluzzjonijiet ma tbiddel xejn mingħajr l-implimentazzjoni Prattika. Il-każijiet tal-aktar suċċess użaw approċċ gradwali li jinkludi azzjonijiet immedjati u azzjonijiet fuq żmien itwal, u pprovdew riżultati tanġibbli li jistgħu jservu bħala skaluni għall-azzjonijiet. Il-parteċipazzjoni mtejbja tal-ħaddiema miksuba permezz ta' intervent speċiku tal-MSD tista' twassal għal involviment imtejjeb tal-ħaddiema fl-OSH ġenerali sabiex l-organizzazzjoni timxi 'l quddiem.

Suġġerimenti għal negozji żgħar

Ir-rapport jindika liema metodi u eżempji ta' intervent jistgħu jkun rilevanti jew adattati għall-MSEs. Filwaqt li l-MSEs għandhom inqas riżorsi minn organizzazzjonijiet ikbar, il-parteċipazzjoni attiva tal-ħaddiema hija probabbilment aktar mifruxa fl-MSEs minħabba r-relazzjonijiet soċjali aktar mill-qrib bejn is-sidien-il-manigiers u l-ħaddiema li jaħdmu u jikkomunikaw ma' xulxin kuljum. Madankollu, għal ħafna MSEs jista' jkun intimidanti li jagħtu bidu għal programm parteċipatorju għall-prevenzjoni tal-MSD. Madankollu, jekk wieħed jibni fuq il-prattika ta' kuljum li x-xogħol isir flimkien u jkun hemm djalogi relattivament sempliċi jew workshops, il-proċess tal-involvement tal-ħaddiema għall-prevenzjoni tal-MSD jista' ma jkunx daqshekk ikkumplikat.

L-MSEs iridu jiżguraw li:

- **jisimgħu t-tħassib** tal-ħaddiema relatat mal-MSDs;
- **jorganizzaw laqgħat** biex jidentifikaw il-problemi u jiġġeneraw soluzzjonijiet;
- **jidentifikaw** is-suġġerimenti l-aktar importanti;
- **jallokaw ir-responsabbiltà** għall-implimentazzjoni;
- **jittestjaw u jirfinaw** is-soluzzjonijiet;
- **jinkorporaw il-bidliet fl-operazzjonijiet ta' kuljum** u jiċċekkjaw li jiġu applikati fil-prattika;

- **ifittxu parir estern** fejn meħtieġ;
- **iżommu l-ħaddiema infurmati u involuti bis-sħiħ** fl-istadji kollha permezz ta' kuntatt ta' kuljum u mezzi oħrajn ta' komunikazzjoni.

Diskussjoni

Il-metodi u l-eżempji ppreżentati f'dan ir-rapport juru li hemm varjetà wiegħsa ta' modi kif wieħed jinkludi l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fil-prevenzjoni tal-MSD. Il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni b'suċċess deskritti hawn fuq jeħtieġ jiġu mfassla għall-kuntest partikolari, f'deċiżjonijiet speċifiċi dwar min għandu jkun involut, il-livell ta' involviment tagħhom f'fażijiet differenti ta' intervent u kif se jiġu involuti.

Għandu jkun ovvju li jkunu *involuti l-ħaddiema kollha kkonċernati*, iżda dan mhux dejjem faċli. Jista' jkun hemm diversi ħaddiema fi stabbiliment, inklużi dawk affettwati kemm direttament kif ukoll indirettament minn problema partikolari. Hemm ukoll maniġers u professjonisti li jridu jiġu involuti. Għalhekk, l-involviment ta' ammont l-akbar possibbli ta' ħaddiema jeħtieġ li jinvolvi kombinazzjoni ta' parteċipazzjoni diretta u indiretta.

Sabiex il-proċess jibda jaħdem fil-prattika, jista' jkun hemm *livelli differenti ta' involviment u influwenza* relatati mad-diversi fażijiet ta' intervent. Forsi l-ħaddiema kollha se jkunu involuti fil-valutazzjoni tar-riskji u l-proponiment ta' soluzzjonijiet, b'inqas (bħala rappreżentanti) involuti fl-ittestjar u l-implimentazzjoni tas-soluzzjonijiet. U mbagħad, għal darboħra, il-ħaddiema kollha jkunu jistgħu jiġu involuti fl-evalwazzjoni tas-soluzzjonijiet implimentati. Kwalunkwe approċċ użat, il-maniġment għandu jkun trasparenti dwar kemm se jiġu allokati influwenza u responsabbiltà lill-ħaddiema. Inkella, il-proċess jista' jfalli jekk il-ħaddiema jħossu li t-tħassib tagħhom mhuwiex trattat serjament.

Finalment, huma meħtieġa deċiżjonijiet dwar *l-organizzazzjoni tal-proġett*. Il-maniġment tal-proġett jew champion tal-proġett għandu jiżgura li l-attivitajiet jiġu ppjanati, eżegwiti u kompluti. L-użu ta' kombinazzjoni ta' grupp ta' proġett ta' ħaddiema u grupp ta' tmexxija konġunt tal-maniġment u l-ħaddiema jista' jkun effettiv. L-intervent parteċipatorju tal-MSD m'għandux jitqies bħala eżerċizzju ta' darba. Parti mill-proċess għandu jkun li jiġu integrati l-esperjenzi parteċipatorji kemm fl-operazzjonijiet kontinwi kif ukoll fil-bidliet futuri għall-appoġġ ta' Prattiki kontinwi ta' prevenzjoni tal-MSD. Dan jista' jkun iffaċilitat minn strateġija ta' maniġment għall-involviment tal-ħaddiema u strutturi permanenti bħalma huma l-OSH u l-kumitati kooperattivi.

Konklużjoni

L-impjegaturi kollha fl-UE huma meħtieġa li jikkonsultaw mal-impjegati tagħhom dwar l-OSH inkluża l-prevenzjoni tal-MSD. Bi qbil mar-rapporti preċedenti tal-EU-OSHA u awturi oħrajn, dan ir-rapport isib li jekk wieħed imur lil hinn mill-konsultazzjoni passiva lejn il-parteċipazzjoni attiva tal-ħaddiema fil-fażijiet kollha tal-intervent tal-MSD se jwassal għal Prattika ta' prevenzjoni aktar ta' suċċess. Dan jippermetti li l-problemi reali jiġu identifikati u jiġu ġġenerati l-aħjar soluzzjonijiet. Jista' jkun partikolarment ta' għajjnuna għas-sejba ta' soluzzjonijiet sempliċi u prattiċi. Jgħin ukoll biex isaħħa l-impenn u l-involviment tal-ħaddiema fl-organizzazzjonijiet tagħhom iġġenerali. Barra dan, huwa approċċ li hu tajjeb kemm għas-saħħa tal-ħaddiema kif ukoll għan-negozju.

Id-diversi metodi differenti u l-esperjenza minn eżempji prattiċi jindikaw biċ-ċar li m'hemmx biss triq waħda li twassal għall-parteċipazzjoni effiċjenti tal-ħaddiema. Hemm diversi approċċi differenti. Il-metodi u l-għodod jistgħu jiġu kkombinati f'diversi modi fil-proċess ta' adattament għall-kuntest partikolari tal-post tax-xogħol. Fatturi bħalma huma l-kompożizzjoni tas-settur u tal-forza tax-xogħol (il-ġeneru, ta' sengħa jew bla sengħa, l-etniċità u oħrajn) huma kollha importanti fl-adattament tal-proċess parteċipatorju partikolari għall-post tax-xogħol. B'mod partikolari, għall-MSEs, l-approċċi għandhom jiġu adattati għall-kuntest partikolari tagħhom ta' riżorsi limitati f'forma ta' maniġment u ħin.

Fil-qosor, il-fatturi ewlenin ta' suċċess huma dawn li ġejjin:

- Impenn tal-maniġment fil-livelli kollha u involviment attiv.
- Ħin u riżorsi xierqa.
- Taħriġ fl-MSDs/ergonomija, valutazzjoni tar-riskju u prevenzjoni, u metodi parteċipatorji.
- Ħaddiema involuti b'mod *attiv* fl-istadji kollha tal-intervent, mill-ippjanar sal-evalwazzjoni, u inklużi l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha.

- Komunikazzjoni effettiva.
- L-inkorporazzjoni ta' parteċipazzjoni mtejbja minn intervent wieħed għal maniġment tal-MSD kontinwu.

Indikaturi ta' politika

Ir-rapport jipproponi l-indikaturi ta' politika li ġejjin biex titjeb il-parteċipazzjoni attiva tal-ħaddiema fil-prevenzjoni tal-MSD.

L-iżvilupp ulterjuri ta' regoli u linji gwida għall-parteċipazzjoni tal-ħaddiema

Ikun ta' benefiċċju għall-awtoritajiet u l-imsieħba soċjali li jaqblu dwar regoli u linji gwida għall-parteċipazzjoni attiva tal-ħaddiema li tmur lil hinn mill-konsultazzjoni formali. Dan jinkludi gwida dwar kif jiġu involuti gruppi vulnerabbli, bħalma huma l-migranti u l-ħaddiema tal-ekonomija tal-gigs, u n-nisa kif ukoll l-irġiel. Dan għandu jkun ikkombinat mas-sensibilizzazzjoni dwar l-importanza tal-parteċipazzjoni attiva tal-ħaddiema.

Il-ħolqien ta' sistemi ta' appoġġ

L-appoġġ professjonali huwa importanti, u kultant prerekwiżit għal intervent parteċipatorju tal-MSD b'suċċess adattat għall-kuntest nazzjonali u tas-settur. L-espansjoni tal-appoġġ professjonali b'attenzjoni fuq l-assistenza biex jiġu żviluppati kompetenzi parteċipatorji fil-kumpaniji jkunu għalhekk importanti għal parteċipazzjoni aktar effettiva tal-ħaddiema.

Taħriġ fil-parteċipazzjoni

It-taħriġ introdutturju fil-metodi parteċipatorji huwa importanti, u d-disponibbiltà tiegħu jeħtieġ li tinfirex f'diversi pajjiżi u setturi. Il-professjonisti tal-OSH jeħtieġu kompetenza fil-mod li bih jinvolvu l-ħaddiema. Il-manigjers u l-ħaddiema jeħtieġu taħriġ fir-rwoli tagħhom u b'rabta mal-perikli u l-prevenzjoni tal-MSD. L-ispetturi tax-xogħol jibbenefikaw minn linji gwida ta' spezzjoni u taħriġ dwar l-involviment tal-ħaddiema sabiex ikunu jistgħu jagħtu pariri lill-intrapriżi matul l-ispezzjonijiet tagħhom.

Intermedjarji biex jappoġġjaw il-bżonnijiet speċjali tal-MSEs

L-MSEs jeħtieġu appoġġ biex iwettqu l-proċessi parteċipatorji, li jingħata bl-aktar mod effettiv permezz ta' intermedjarji speċifiċi għas-settur. L-appoġġ prattiku għall-interventi, pereżempju l-provvista ta' taħriġ jew tmexxija u intervent, u appoġġ ekonomiku huma rilevanti għalix l-MSEs ġeneralment ma jkollhomx riżorsi biex iħallsu għal konsulenzi tal-OSH ibbażati fuq is-suq. Mod effettiv jista' jkun li jsir intervent ma' diversi MSEs minn settur partikolari fl-istess ħin. Dan jippermetti lill-MSEs li jitgħallmu minn xulxin.

Finanzjament

L-iskemi ta' finanzjamenti transnazzjonali tal-UE jistgħu jintużaw biex jiġu żviluppati u trasferiti programmi u inizzjattivi dwar l-involviment tal-ħaddiema bejn l-Istati Membri. Finanzjamenti nazzjonali u tal-UE addizzjonali jkunu ta' valur siewi għall-progress fil-parteċipazzjoni tal-ħaddiema.

Riċerka ulterjuri u l-iskambju ta' prattika tajba

Riċerka ulterjuri hija meħtieġa fir-rigward tal-prerekwiżiti għar-rappreżentazzjoni u l-parteċipazzjoni effettiva tal-ħaddiema, il-metodi effettivi għall-MSEs biex ikunu jistgħu japplikaw għalihom stess, u dwar kif il-konsultazzjoni u l-involviment tal-ħaddiema jistgħu jinkisbu f'tipi ġodda ta' xogħol, pereżempju l-ekonomija tal-gigs u fost gruppi tal-ħaddiema vulnerabbli. Kwalunkwe prattika tajba eżistenti għandha tiġi skambjata bejn l-organizzazzjonijiet u bejn l-Istati Membri.

**L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa
fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA)**

tikkontribwixxi biex tagħmel lill-Ewropa post tax-xogħol aktar sikur, aktar ħieles mill-periklu u aktar produttiv. L-Aġenzija twettaq riċerka, tiżviluppa u tqassam informazzjoni affidabbli, bilanċjata u imparzjali dwar is-saħħa u s-sigurtà u torganizza kampanji pan-Ewropej ta' sensibilizzazzjoni. Stabbilita mill-Unjoni Ewropea fl-1994 u bbażata f'Bilbao, Spanja, l-Aġenzija tlaqqa' flimkien rappreżentanti mill-Kummissjoni Ewropea, il-gvernijiet tal-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi u tal-ħaddiema, kif ukoll l-esperti ewlenin f'kull wieħed mill-Istati Membri tal-UE u lil hinn minnhom.

**Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq
il-Post tax-Xogħol**

Santiago de Compostela 12,
Edificio Miribilla, il-5 Sular, 48003 Bilbao, SPANJA
Tel. +34 94 479 4360
Fax +34 94 479 4383
Email: information@osha.europa.eu

<http://osha.europa.eu>